**EŻAMI ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IS-SITT SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: SIEGĦA**

Isem: ___________________________________ Klassi: _______________



**A (i) L-Assedju l-Kbir ta' l-1565.**
**Min kienu dawn?**

1. **Eż.** Jien kont il-Gran Mastru waqt l-Assedju l-Kbir. La Valette
2. Jien is-sultan Tork li ridt neqred lill-Kavallieri. _______________
3. Jien il-forti li ddefendejt lill-Birgu waqt l-Assedju l-Kbir. _______________
4. Jien l-għolja fejn hemm l-forti Sant'Iermu fit-tarf tiegħi. _______________
5. Jien Tork li kont nieħu ħsieb il-flotta (tal-baħar) Torka. _______________
6. Jien Tork li kont nieħu ħsieb it-truppi (ta' l-art) Torok. _______________

(5 marki)

**A(ii) Ikteb kelma waħda:**

1. **Eż.** Il-ħbit kontinwu waqt xi gwerra. Assedju
2. Bini għoli mibni madwar post għad-difiża. _______________
3. Grupp ta' gżejjer flimkien. _______________
4. Iż-żmien ta' qabel bdiet tinkiteb l-istorja. _______________
5. Iż-żmien ta' meta l-għodda kienet tal-ġebel. _______________
6. Il-baħar bejn żewġ pajjiżi jew gżejjer. _______________

(5 marki)

**B. Waħda minn dawn hi ħażina.**

**Aqta' sing taħt il-kelma jew frażi *li mhix tajba*.**



1. (Il-Konti Ruġġieru, Dragut, Toni Bajada, La Valette) kellhom x'jaqsmu ma' l-Assedju l-Kbir ta' l-1565.
2. Fis-sistema edukattiva Maltija nsibu (l-kindergarten, l-Iskola Primarja, l-Iskola Sekondarja, l-Iskola Edukattiva, l-Iskola Post Sekondarja).
3. It-traffiku jġib miegħu l-problema ta' (tniġġis ta' l-arja, gassijiet valenużi, xi inċidenti serji u fatali, serħan il-moħħ).
4. (Il-Marokk, il-Libja, l-Italja, l-Eġittu, it-Tuneżija) huma pajjiżi fl-Afrika ta' Fuq li jmissu mal-Baħar Mediterran.
5. (Il-Kap ta' l-Iskola, l-Assistent Kap, l-Għalliema, is-Sindku) jiffurmaw l-istaff ta' l-iskola.
6. Fuq il-bandiera Maltija tista' tara (l-istilel ta' l-Ewropa, l-George Cross, l-kulur abjad, l-kulur aħmar).
7. (Kreta, Majorka, Minorka, Ibiża) huma magħrufin bħala l-gżejjer Baleariċi.
8. Fil-belt Valletta nsibu ħafna bini storiku fosthom (il-Bereġ tal-Kavallieri, is-Sagra Infermerija, il-Palazz tal-Gran Mastri, il-Ħabs il-Qadim).
9. Reliġjonijiet li jemmnu fihom diversi nies huma (l-Islam, l-Buddiżmu, r-reliġjon Kattolika Rumana, l-Euro).
10. L-ewwel nies f'Malta kienu (teknixins tal-kompjuter, bdiewa, sajjieda, rgħajja).



(10 marki)

**Ċ. Ħares sew lejn il-mappa tal-gżejjer Maltin li tidher taħt it-tabella. Wara imla t-tabella bin-numru skond il-post. Għandek tnejn lesti.**

| Numru | Post |
|---|---|
| **5** | Il-Belt Valletta |
| **3** | Il-Port ta' l-Imġarr |
| | Marsaxlokk |
| | Ir-Rabat (Malta) |
| | Ir-Rabat (Għawdex) |
| | Ix-Xlendi |
| | Bormla |
| | Ħal Luqa |
| | Iċ-Ċirkewwa |
| | Tas-Sliema |
| | Il-Birgu |
| | Marsalforn |




(10 marki)

**D. Aqra din is-silta dwar il-miġja ta’ San Pawl f’Malta.**



Fuq il-ġifen kien hemm 276 ruħ, fosthom ċenturjun, suldati u żewġt iħbieb kbar ta’ Pawlu, Luqa u Aristarku. Dan ir-rakkont insibuh fl-Atti ta’ l-Appostli.

Luqa jirrakkonta li fi triqthom lejn Ruma qamet tempesta kbira. In-nies ta’ fuq il-ġifen bdew jibżgħu li se jegħrqu, iżda Pawlu għamlilhom il-kuraġġ u qalilhom, “Ħbieb, tibżgħux għax ħadd mhu se jegħreq. Bil-lejl deherli anġlu u qalli li kien meħtieġ naħbtu ma’ gżira.” U hekk ġara għax il-ġifen ħabat ma’ sikka, in-nies qabżu biex jgħumu lejn ix-xatt u kollha salvaw.

Missirijietna qabbdulhom ħuġġieġa biex jinxfu. Waqt li Pawlu kien qed jitfa’ xi ħatab fiha, qabdet miegħu lifgħa, imma ma ġralu xejn. Il-Maltin, li f’dak iż-żmien kienu pagani, ħasbuh li kien xi alla. Qatt ma kienu semgħu b’Alla veru. Pawlu beda jgħallem u jxandar il-Bxara t-Tajba. Publiju, il-prinċep ta’ Malta, ħadu jara lil missieru li kien marid. Pawlu talab fuqu u fejqu. Hu kompla jgħallem u jfejjaq lill-morda. Il-Maltin intebħu li Pawlu kien qed jgħallem fuq Alla veru u aċċettaw ir-reliġjon nisranija. Dan iżda ma jfissirx li l-Maltin kollha saru nsara mill-ewwel. Nafu b’dan mill-imqades ta’ l-allat Rumani li baqgħu miftuħin għall-qima, bħalma nistgħu naraw fit-tempji ta’ Tas-Silġ f’Marsaxlokk. Postijiet marbutin man-nawfraġju ta’ San Pawl huma: Il-Bajja u l-Gżejjer ta’ San Pawl, Għajn Rażul, San Pawl Milqi, il-Knisja tal-Ħuġġieġa u l-Grotta tar-Rabat.

**Agħmel ✓ taħt Veru jew Falz. L-ewwel waħda lesta.**

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Dan ir-rakkont tan-nawfraġju nsibuh fl-Atti ta’ l-Appostli. | ✓ | |
| 2. Il-ġifen kien fit-triqtu lejn il-Palestina. | | |
| 3. Ċesri kien il-prinċep ta’ Malta f’dak iż-żmien. | | |
| 4. San Luqa kiteb dan ir-rakkont fl-Atti ta’ l-Appostli. | | |
| 5. Tnejn biss għerqu mill-276 persuna fuq il-ġifen. | | |
| 6. Il-Maltin kollha saru nsara mill-ewwel. | | |

(5 marki)

**E. Ikteb sentenza QASIRA fuq kull waħda minn dawn biex turi li taf xi jfissru.**

1. **MENĦIR:** ______________________________________________

______________________________________________________

2. **DOLMEN:** ______________________________________________

______________________________________________________

3. **IPOĠEW:** ______________________________________________

______________________________________________________

4. **SANCTA SANCTORUM:** ________________________________

______________________________________________________

5. **ŻMIEN NEOLITIKU:** __________________________________

______________________________________________________



(10 marki)

**F. Imla l-vojt bil-kliem li jidhru hawn taħt.**

**ĦAMSA biss tista' tuża.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **it-tempji** | **Meteoroloġiku** | **it-temp** | **Luqa** |
| **anemometru** | **Parrokkjali** | **ritratti** | **Safi** |

F'Ħal ____________________ nsibu l-Uffiċċju ____________________ li jinsab viċin it-torri tal-kontroll ta' l-ajruplani. Hawn jinġabar it-tagħrif dwar ____________________. Fost l-istrumenti li jintużaw, insibu t-termometru, il-

pinnur, l-__________________, il-pluvjometru, makkinarju li jirċievi __________________ mis-satelliti u l-kompjuter. (5 marki)

**Ġ. (i) Dan is-Sajf int sifirt bil-vapur fil-Mediterran mal-familja tiegħek.**

**Kompli t-tabella li tidher taħt il-mappa.**

**Ikteb l-isem tal-pajjiżi u l-gżejjer li żort. L-ewwel tnejn le[sti.**




| Numru | Pajjiż jew Gżira | Numru | Pajjiż jew Gżira |
|---|---|---|---|
| 1. | Malta | 2. | Il-Portugall |
| 3. | | 4. | |
| 5. | | 6. | |
| 7. | | 8. | |
| 9. | | 10. | |
| 11. | | 12. | |

**Ġ (ii) It-tliet fetħiet li għandu l-Mediterran lejn ibħra oħra huma:**

**(a) ____________________ (b) ____________________ (ċ) ____________________**

(16-il marka)

**G. Kompli din is-silta fuq il-kontinenti.**

Kontinent huwa biċċa __________________ kbira ħafna. F'kull kontinent tista' ssib ħafna __________________ . Il-Baħar Mediterran imiss ma' tliet kontinenti. Dawn huma __________________ , __________________ u __________________ . Tliet kontinenti oħra huma l-__________________ , __________________ , u l-__________________ .

(8 marki)

**GĦ. Kompli din it-tabella. L-ewwel waħda lesta.**

| ***Pajjiż*** | ***Belt Kapitali*** |
|---|---|
| **Malta** | **Valletta** |
| **Il-Libja** | |
| **Franza** | |
| **L-Italja** | |
| **Il-Portugall** | |
| **Spanja** | |
| **Il-Greċja** | |
| **L-Alġerija** | |
| **L-Iżrael** | |
| **It-Turkija** | |
| **L-Eġittu** | |

(10 marki)









**Ħ. Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb 8 sentenzi dwaru.**

**In-noti jistgħu jgħinuk.**

1. **Il-Biedja fil-Gżejjer Maltin** – kif tinqasam il-biedja, postijiet tal-biedja f'Malta u f'Għawdex, ix-xogħol, prodotti, problemi, żviluppi moderni.
2. **Il-Bini tal-Belt Valletta –** għaliex bnewha u fejn, l-għajnuna finanzjarja, Laparelli u Ġlormu Cassar, xi liġijiet li riedu jobdu, bini importanti.
3. **L-Oqsma Industrijali** – x'inhuma u fejn jinsabu, fabbriki, materja prima, prodotti, esportazzjoni, importazzjoni, kontejners, vantaġġi.
4. **Il-Pajsaġġ Malti** – kif issawwar il-blat, fossili fil-blat tagħna, il-ħames saffi u l-użu tagħhom.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

__________________________________________________ (16-il marka)